A.L. 150 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet għal Ċertifikati rigward il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ fi Speċi Mhedda ta' Fawna u Flora Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ u l-Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet għal Ċertifikati rigward il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ fi Speċi Mhedda ta' Fawna u Flora Selvaġġ.

Tifsir.

2. Il-frażijiet "esportazzjoni", "importazzjoni", "Konvenzjoni" u "ri-esportazzjoni" użati f'dawn ir-regolamenti għandhom jinftehmu bħala li għandhom l-istess tifsir bħalma għandhom fir-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti dwar il-Konvenzjoni". A.L. 19 ta' l-1992.

Dritt għall-ħruġ ta' permessi jew ċertifikati.

3. (1) Għandu jitħallas dritt ta' ħames liri Maltin (Lm5) lid-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent malli ssir applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess jew ċertifikat meħtieġa skond il-Konvenzjoni u d-dispożizzjonijiet tar-regolament 6 tar-regolamenti dwar il-Konvenzjoni minn —

(a) esportatur dwar permess jew ċertifikat ta' esportazzjoni jew ri-esportazzjoni; u

(b) importatur dwar permess jew ċertifikat ta' importazzjoni.

(2) L-imsemmi Direttur għandu jirrifjuta li joħroġ xi permess jew ċertifikat u jkun meħtieġ skond il-Konvenzjoni jew ir-regolamenti dwar il-Konvenzjoni sakemm jitħallas dak id-dritt.